SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

9 ta' Jannar 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2014/41/UE – Ordni ta' investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali – Kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* – Kunċett ta' 'miżura investigattiva' – Notifika ta' att ta' akkuża akkumpanjat minn ordni ta' detenzjoni provviżorja u ta' ordni ta' ħlas ta' pleġġ – Smigħ tal-imputat"

Fil-Kawża C-583/23 [Delda] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Settembru 2023, fil-proċedura relatata mar-rikonoxximent u mal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea li tikkonċerna

AK,

fil-preżenza ta':

L-Uffiċju tal-Prosekutur

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn C. Lycourgos (Relatur), President tat-Tielet Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tar-Raba' Awla, S. Rodin u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. M. Collins,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal AK, minn I. Zribi, avukata,

– għall-Gvern Franċiż, minn R. Bénard, B. Dourthe u B. Fodda, bħala aġenti,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. K. Bulterman u J. M. Hoogveld, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Blanc, H. Leupold u J. Vondung, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1 u 3 tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU 2014, L 130, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 143, p. 16).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' talba għal eżekuzzjoni, fi Franza, ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea maħruġa mill-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli li tikkonċerna lil AK.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000

3 L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 172, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000"), intitolat "Konsenja u servizz ta' dokumenti proċedurali", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprovdi:

"Kull Stat Membru għandu jibgħat dokumenti proċedurali ntiżi għal persuni li huma fit-territorju ta' Stat Membru direttament bil-posta."

Id-Direttiva 2014/41

4 Il-premessa 25 tad-Direttiva 2014/41 tistabbilixxi li:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar it-twettiq, fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, inkluża l-fażi tas-smigħ, ta' miżura investigattiva, jekk meħtieġ bil-parteċipazzjoni tal-persuna kkonċernata bil-ħsieb li jingħabru provi. Pereżempju, OIE jista' jinħareġ għat-trasferiment temporanju tal-persuna konċernata għall-Istat emittenti jew biex isir smigħ b'vidjokonferenza. Madankollu, fejn dik il-persuna għandha tiġi trasferita għal Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' prosekuzzjoni, inkluż it-tressiq ta' dik il-persuna għandha titressaq quddiem qorti biex tiġi proċessata, għandu jinħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW, European Arrest Warrant) f'konformità mad-[Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45)."

5 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew (OIE) huwa deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa jew validata minn awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ('l-Istat emittenti') sabiex waħda jew aktar miżuri investigattivi speċifiċi jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor ('l-Istat ta' eżekuzzjoni') bil-ħsieb li jinkisbu provi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

L-OIE jista' jinħareġ ukoll biex jinkisbu provi li jkunu diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni."

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-OIE għandha tkopri kwalunkwe miżura investigattiva bl-eċċezzjoni tal-istabbiliment ta' skwadra investigattiva konġunta u l-ġbir ta' provi fi ħdan tali skwadra kif previst fl-Artikolu 13 tal-[Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000] u fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI [tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 15)], minbarra għall-finijiet tal-applikazzjoni, rispettivament, tal-Artikolu 13(8) [ta' din il-]Konvenzjoni u tal-Artikolu 1(8) tad-Deċiżjoni Kwadru."

7 L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/41 jipprevedi:

"1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi OIE, mibgħut f'konformità ma' din id-Direttiva, mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe formalità ulterjuri, u tiżgura l-eżekuzzjoni tiegħu bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva konċernata ġiet ordnata minn awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni, sakemm dik l-awtorità ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni jew waħda mir-raġunijiet għal posponiment previsti f'din id-Direttiva.

2. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtorità emittenti sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva u sakemm dawn il-formalitajiet u proċeduri ma jmorrux kontra l-prinċipji fundamentali ta' dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

[…]

6. L-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni jistgħu jikkonsultaw lil xulxin, bi kwalunkwe mezz adatt, bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-applikazzjoni effiċjenti ta' dan l-Artikolu."

8 L-Artikolu 10 ta' din id-direttiva jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandu jkollha, fejn possibbli, rikors għal miżura investigattiva differenti minn dik prevista fl-OIE fejn:

(a) il-miżura investigattiva indikata fl-OIE ma tkunx teżisti taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni; jew

(b) il-miżura investigattiva indikata fl-OIE ma tkunx disponibbli f'każ domestiku simili.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, il-paragrafu 1 ma japplikax għall-miżuri investigattivi li ġejjin, li dejjem għandhom ikunu disponibbli taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni:

[…]

c) is-smigħ ta' xhud, espert, vittma, persuna suspettata jew akkużata jew parti terza fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni;

[…]".

9 Skont l-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva:

"1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tittrasferixxi l-provi miksuba jew li jkunu diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni bħala riżultat tal-eżekuzzjoni tal-OIE lill-Istat emittenti.

Fejn jintalbu fl-OIE u jekk ikun possibbli taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, il-provi għandhom ikunu trasferiti immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti li jkunu qegħdin jassistu fl-eżekuzzjoni tal-OIE f'konformità mal-Artikolu 9(4).

[…]

4. Fejn l-oġġetti, id-dokumenti, jew id-data kkonċernata jkunu wkoll rilevanti għal proċedimenti oħrajn, l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista', fuq it-talba espliċita ta', u wara konsultazzjoni ma' l-awtorità emittenti, tittrasferixxi dawk il-provi temporanjament bil-kondizzjoni li jintraddu lill-Istat ta' eżekuzzjoni hekk kif ma jibqgħux meħtieġa fl-Istat emittenti jew fi kwalunkwe żmien jew okkażjoni oħra maqbula bejn l-awtoritajiet kompetenti."

10 L-Artikolu 15(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tal-OIE jistgħu jiġu posposti fl-Istat ta' eżekuzzjoni meta:

[…]

(b) l-oġġetti, id-dokumenti jew id-*data* kkonċernati jkunu diġà qegħdin jintużaw fi proċedimenti oħrajn, sa meta dawn ma jkunux aktar meħtieġa għal dik il-fini."

11 L-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2014/41 jistabbilixxi:

"OIE jista' jinħareġ għat-trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja fl-Istat ta' eżekuzzjoni għall-fini li tiġi eżegwita miżura investigattiva biex jinġabru provi li għalihom tkun meħtieġa l-preżenza ta' dik il-persuna fit-territorju tal-Istat emittenti, sakemm hija terġa' tintbagħat lura fi żmien il-perijodu stipulat mill-Istat ta' eżekuzzjoni."

12 L-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"OIE jista' jinħareġ għat-trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja fl-Istat emittenti għall-fini li tiġi eżegwita miżura investigattiva bil-ħsieb li jinġabru provi li għaliha tkun meħtieġa l-preżenza tagħha fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni."

13 Skont l-Artikolu 24(1) tal-imsemmija direttiva:

"Fejn persuna tkun fit-territorju ta' Stat ta' eżekuzzjoni u jkun meħtieġ li din tinstema' bħala xhieda jew esperta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti, l-awtorità emittenti tista' toħroġ OIE biex ix-xhieda jew l-esperta tinstema' b'vidjokonferenza jew bi trażmissjoni awdjoviżiva oħra f'konformità mal-paragrafi 5 sa 7.

L-awtorità emittenti tista' wkoll toħroġ OIE għall-fini li persuna suspettata jew akkużata tinstema' b'vidjokonferenza jew bi trażmissjoni awdjoviżiva oħra".

14 Il-formola ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea, li tinsab fl-Anness A tal-istess direttiva, tinkludi, b'mod partikolari, taqsima intitolata "Miżura jew miżuri investigattivi li għandhom jiġu eżegwiti", li tinkludi diversi kaxxi li għandhom jiġu mmarkati, fosthom il-kaxxa "Smigħ [ta'] persuna suspettata jew akkużata", kif ukoll taqsima intitolata "Raġunijiet għall-ħruġ tal-OIE", li fiha l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat emittenti hija mistiedna tesponi r-raġunijiet li għalihom tinħareġ tali ordni.

Id-dritt Franċiż

15 L-Artikolu 694-16 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprovdi:

"Ordni ta' investigazzjoni Ewropea hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru, imsejjaħ l-Istat emittenti, li titlob lil Stat Membru ieħor, imsejjaħ l-Istat ta' eżekuzzjoni, bl-użu ta' formoli komuni għall-Istati kollha, sabiex fi żmien ċertu terminu iwettaq fit-territorju tiegħu investigazzjonijiet intiżi għall-kisba ta' provi relatati ma' reat kriminali jew għat-trażmissjoni ta' provi diġà fil-pussess tiegħu.

L-ordni ta' investigazzjoni jista' jkollha wkoll bħala għan li timpedixxi b'mod provviżorju fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni kwalunkwe operazzjoni ta' qerda, trasformazzjoni, ċaqliq, trasferiment jew rimi ta' elementi li jistgħu jintużaw bħala provi.

Hija jista' jkollha wkoll bħala għan it-trasferiment temporanju fl-Istat emittenti ta' persuna miżmuma fl-Istat ta' eżekuzzjoni, sabiex ikun possibbli t-twettiq fl-Istat emittenti ta' atti proċedurali li jeħtieġu l-preżenza ta' dik il-persuna, jew it-trasferiment temporanju fl-Istat ta' eżekuzzjoni ta' persuna miżmuma fl-Istat emittenti sabiex tipparteċipa f'dan it-territorju fl-investigazzjonijiet mitluba.

Il-provi msemmija fl-ewwel żewġ paragrafi jistgħu wkoll ikunu relatati mal-ksur minn persuna ta' obbligi li jirriżultaw minn kundanna kriminali, anki jekk dan il-ksur ma jikkostitwixxix reat."

16 L-Artikolu 696-44 ta' dan il-kodiċi jipprevedi:

"Fil-każ ta' proċeduri kriminali mwettqa barra mill-pajjiż, meta Gvern barrani jqis li hija meħtieġa n-notifika ta' att proċedurali jew ta' sentenza lil individwu li jirrisjedi fit-territorju Franċiż, id-dokument jintbagħat skont il-metodi previsti fl-Artikoli 696-8 u 696-9, akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn traduzzjoni Franċiża. In-notifika ssir lill-persuna, fuq talba tal-Uffiċju tal-Prosekutur. Id-dokument oriġinali li jikkonstata n-notifika jintbagħat lura bl-istess mod lill-Gvern li jkun talab in-notifika."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

17 Fl-1 ta' Marzu 2021, l-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli ħarġu ordni ta' investigazzjoni Ewropea indirizzata lill-awtoritajiet ġudizzjarji Franċiżi sabiex jiġi nnotifikat lil AK, miżmuma fi Franza, digriet ta' akkuża mogħti fit-30 ta' Settembru 2009 mill-Juzgado Central de Instrucción Nru 4 de la Audiencia Nacional (il-Qorti Istruttorja Ċentrali Nru 4 tal-Qorti Nazzjonali, Spanja) u sabiex din il-persuna tkun tista', fil-preżenza tal-avukat tagħha, "tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar il-fatti kkonċernati". Dan id-digriet kien akkumpanjat minn ordni ta' detenzjoni provviżorja u minn ordni ta' ħlas ta' pleġġ ta' EUR 30 000.

18 Fid-19 ta' Lulju 2021, imħallef inkwirenti fit-tribunal judiciaire de Paris (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Pariġi, Franza), permezz ta' proċess verbal, innotifika lil AK, fil-preżenza tal-avukat tagħha, bl-att ta' akkuża, u kkonsenja lilha u lill-avukat tagħha kopja ta' dan l-att bil-lingwa Spanjola u ġabar id-dikjarazzjonijiet tagħha. Fl-20 ta' Lulju 2021, AK ippreżenta rikors għall-annullament ta' dan is-smigħ quddiem il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza) minħabba li t-talba tal-awtoritajiet Spanjoli ma kinitx tikkostitwixxi ordni ta' investigazzjoni Ewropea, kif iddefinita fl-Artikolu 694-16 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

19 Fl-20 ta' April 2022, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) ċaħdet dan ir-rikors billi ddeċidiet, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli ma kinux talbu biss li l-att ta' akkuża jiġi nnotifikat lil AK, iżda wkoll li din tal-aħħar tkun tista' "tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar il-fatti kkonċernati". Dik il-qorti rrilevat ukoll, minn naħa waħda, li l-ordni tal-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli ppreċiżat, fit-taqsima "Raġunijiet għall-ħruġ tal-OIE", li l-atti mitluba kienu jaqgħu "fil-kuntest tal-verifika tal-kummissjoni tal-fatti flimkien maċ-ċirkustanzi kollha li jistgħu jaffettwaw il-klassifikazzjoni tagħha u l-ħtija tad-delinkwenti" u, min-naħa l-oħra, li, minkejja li dawn l-awtoritajiet ma mmarkawx il-kaxxa "Smigħ [ta'] persuna suspettata jew akkużata" fit-taqsima "Miżura jew miżuri investigattivi li għandhom jiġu eżegwiti", huma kienu talbu b'mod ċar li d-dikjarazzjonijiet ta' AK fuq il-fatti li kienet issuspettata li kkommettiet jiġu rreġistrati fil-proċess verbal. Il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) ikkonkludiet li, billi talbu lill-parti kkonċernata tispjega, fil-preżenza tal-avukat tagħha u b'rispett tad-drittijiet tad-difiża, il-pożizzjoni tagħha dwar il-fatti, l-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli kienu talbu t-twettiq ta' investigazzjonijiet intiżi għall-ksib ta' provi relatati ma' reat kriminali.

20 AK appellat minn din is-sentenza quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), li hija l-qorti tar-rinviju. Hija ssostni li l-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea ma jistax ikollu bħala għan li jiġu magħrufa l-akkużi maħruġa kontra persuna u li l-istess persuna tiġi nnotifikata bil-fatt li jkun hemm kawża quddiem qorti, peress li talli notifika taqa' taħt strumenti oħra ta' kooperazjoni ġudizzjarja, partikolarment tal-Artikolu 696-44 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

21 Bħala parti mill-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Avukat Ġenerali f'dik il-qorti qies, min-naħa l-oħra, li d-deċiżjoni adottata mill-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli kienet tinkludi miżuri investigattivi li jirrigwardaw, b'mod inseparabbli, in-notifika tal-att ta' akkuża ta' AK u l-ġbir tal-osservazzjonijiet tagħha permezz ta' maġistrat fil-preżenza tal-avukat tagħha, sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet tagħha ta' difiża, u li din id-deċiżjoni kienet immirata, għaldaqstant, għat-twettiq ta' investigazzjonijiet intiżi sabiex jinkisbu provi relatati ma' reat kriminali.

22 Il-qorti tar-rinviju, li tenfasizza li d-Direttiva 2014/41 ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku Franċiż permezz tal-Artikoli 694–15 *et seq* tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, tosserva li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma ddeċidiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-ordni ta' investigazzjoni Ewropea u, b'mod iktar speċifiku, dwar jekk dan jinkludix in-notifika ta' att ta' akkuża flimkien ma' ordni ta' detenzjoni provviżorja u ordni ta' ħlas ta' pleġġ.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikoli 1 u 3 tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu lill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tagħti jew tikkonvalida ordni ta' investigazzjoni Ewropew li l-għan tagħha huwa, minn naħa, li l-imputat jiġi

nnotifikat bl-att tal-akkuża, li jinkludi wkoll ordni ta' arrest jew ħlas ta' pleġġ, u, min-naħa l-oħra, li l-imputat jinstema' sabiex huwa jkun jista', fil-preżenza tal-avukat tiegħu, jagħmel kull osservazzjoni utli dwar il-fatti ddikjarati fl-imsemmi att?".

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24 B'risposta għal talba għal informazzjoni indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Ottubru 2023, il-qorti tar-rinviju indikat, fit-23 ta' Novembru 2023, minn naħa, li AK kienet ġiet ikkonsenjata lill-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli fid-9 ta' Settembru 2022, b'eżekuzzjoni ta' tliet sentenzi mogħtija mill-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) fis-26 ta' Settembru 2018 u fid-9 ta' Ottubru 2019 u, min-naħa l-oħra, li l-proċess verbal tas-seduta tad-19 ta' Lulju 2021 kien intbagħat lill-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli.

Fuq id-domanda preliminari

25 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 1 u 3 tad-Direttiva 2014/41 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li deċiżjoni li permezz tagħha awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru titlob lil awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor, minn naħa, li tinnotifika lill-persuna kkonċernata b'att ta' akkuża li jikkonċernaha, flimkien ma' ordni ta' detenzjoni preventiva u ordni ta' ħlas ta' pleġġ, u, min-naħa l-oħra, li tippermetti lil din il-persuna ssostni l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-fatti stabbiliti f'dan id-digriet tikkostitwixxi miżura investigattiva, li tista' tkun is-suġġett ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea, fis-sens ta' din id-direttiva.

26 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/41, l-ordni ta' investigazzjoni Ewropea hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa jew ivvalidata minn awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti sabiex miżura jew miżuri investigattivi speċifiċi jiġu eżegwiti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni bil-ħsieb li jinkisbu provi. Fir-rigward tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, dan jippreċiża li l-ordni ta' investigazzjoni Ewropea jkopri l-miżuri investigattivi kollha, bl-eċċezzjoni ta', b'mod prinċipali, tal-ħolqien ta' tim ta' investigazzjoni konġunt u tal-ksib ta' evidenza fil-kuntest ta' dan it-tim.

27 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li d-Direttiva 2014/41 lanqas ma tiddefinixxi x'għandu jinftiehem b' "miżura investigattiva", fis-sens tal-Artikoli 1 u 3 tagħha, u lanqas ma tirreferi għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiddefinixxu tali kunċett. Għaldaqstant, dan tal-aħħar għandu jingħata interpretazzjoni awtonoma fid-dritt tal-Unjoni, billi jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet, iżda wkoll il-kuntest tagħhom u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnhom jagħmlu parti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2024, M.N. (EncroChat), C-670/22, EU:C:2024:372, punt 109).

28 L-ewwel nett, fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikoli 1 u 3 tad-Direttiva 2014/41, il-kunċett ta' "miżura investigattiva" għal finijiet repressivi jirreferi, fis-sens normali tiegħu, għal kull att ta' investigazzjoni intiż li jistabbilixxi l-eżistenza ta' fatt kundannabbli, iċ-ċirkustanzi li fihom twettaq kif ukoll l-identità tal-awtur tiegħu. Tali interpretazzjoni hija kkonfermata mill-affermazzjoni, li tinsab b'mod partikolari f'dan l-Artikolu 1, li l-miżura investigattiva għandha tkun intiża sabiex l-Istat Membru emittenti jikseb "provi".

29 It-tieni nett, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 28 sa 30 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kuntest li jagħmlu parti minnu l-Artikoli 1 u 3 tad-Direttiva 2014/41 jikkorrobora din l-interpretazzjoni.

30 Għalhekk, qabel kollox, l-Artikolu 10(2), l-istess bħall-Artikoli 24 sa 31 tad-Direttiva 2014/41 jelenkaw serje ta' miżuri investigattivi li, kollha kemm huma, huma intiżi sabiex jinkisbu elementi intiżi sabiex jiġu stabbiliti l-fatti jew l-identità tal-awtur tagħhom.

31 Sussegwentement, għalkemm mill-Artikoli 22 u 23 ta' din id-direttiva jirriżulta li ordni ta' investigazzjoni Ewropea jista' jkollha wkoll bħala għan it-trasferiment ta' persuna f'detenzjoni, dawn l-artikoli jippreċiżaw madankollu li tali trasferiment jista' jseħħ biss għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' miżura investigattiva bl-għan li jinkisbu provi li jeħtieġu l-preżenza ta' din il-persuna fit-territorju tal-Istat Membru li lejh ikun intalab it-trasferiment tagħha. Min-naħa l-oħra, mill-premessa 25 tal-imsemmija direttiva jirriżulta li, meta l-persuna kkonċernata għandha tiġi ttrasferita lejn Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' prosekuzzjoni, inkluż sabiex tintbagħat lura quddiem qorti li tagħti s-sentenza, mandat ta' arrest Ewropew għandu jinħareġ, mingħajr ma ordni ta' investigazzjoni Ewropea tkun tista' tissostitwixxih.

32 Fl-aħħar nett, mill-Artikoli 13 u 15 tad-Direttiva 2014/41 jirriżulta li l-iskop tal-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea jikkonsisti fil-provi miksuba jew diġà fil-pussess tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li jiġu trasferiti lejn l-Istat Membru emittenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Finanzamt für Steuerstrafsachen und Steuerfahndung Münster, C-66/20, EU:C:2021:670, punt 41). Il-miżura ta' investigazzjoni għandha għalhekk tkun intiża, finalment, sabiex l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jittrażmetti ċerti provi lill-Istat Membru emittenti, peress li dawn il-provi huma identifikati, f'dan l-Artikolu 13(4) u f'dan l-Artikolu 15(1)(b), bħala oġġetti, dokumenti jew data.

33 It-tielet nett, l-għan imfittex mid-Direttiva 2014/41 jikkonferma wkoll tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' "miżuri investigattivi".

34 Fil-fatt, minn naħa, din id-direttiva għandha l-għan li tissostitwixxi l-qafas frammentarju u kumpless eżistenti fil-qasam tal-kisba ta' provi fil-kawżi kriminali li għandhom dimensjoni transkonfinali u hija intiża, permezz tal-istabbiliment ta' sistema ssemplifikata u iktar effikaċi bbażata fuq strument legali msejjaħ "ordni ta' investigazzjoni Ewropea", li tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja (sentenza tat-30 ta' April 2024, M.N. (EncroChat), C-670/22, EU:C:2024:372, punt 86). Minn dan isegwi li, billi adotta l-imsemmija direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried itejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-kisba tal-provi fil-kawżi kriminali transkonfinali.

35 Min-naħa l-oħra, l-għan ta' simplifikazzjoni u ta' effikaċja tal-kooperazzjoni ġudizzjarja mfittex mid-Direttiva 2014/41 jeħtieġ identifikazzjoni sempliċi u inekwivoka tal-elementi prinċipali tal-mekkaniżmu tal-ordni ta' investigazzjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, Staatsanwaltschaft Graz (Servizz tal-Affarijiet Fiskali Kriminali ta' Düsseldorf), C-16/22, EU:C:2023:148, punt 43). Issa, il-kunċett stess ta' "miżura investigattiva" jinsab fost tali elementi prinċipali b'tali mod li dan l-għan jimmilita wkoll favur definizzjoni sempliċi u komuni ta' dan il-kunċett, bħal dik esposta fil-punt 28 ta' din is-sentenza.

36 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk il-miżuri mitluba minn deċiżjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxux miżuri investigattivi, fis-sens tad-Direttiva 2014/41.

37 Fir-rigward, l-ewwel nett, tat-talba magħmula mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru ieħor sabiex jinnotifikaw lill-persuna inkwistjoni bid-digriet ta' akkuża li jikkonċernaha, għandu jiġi rrilevat li tali notifika ma tistax tikkostitwixxi, bħala tali, miżura ta' investigazzjoni fis-sens ta' din id-direttiva. Fil-fatt, tali notifika ma għandhiex

l-għan li tikseb provi, iżda tikkostitwixxi obbligu proċedurali intiż sabiex jiżviluppa l-azzjoni pubblika miftuħa kontra l-persuna li tkun is-suġġett tagħha. Għaldaqstant, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tiegħu, in-notifika ta' tali att fi Stat Membru ieħor, bħala prinċipju, ma hijiex irregolata mill-imsemmija direttiva, iżda mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000.

38 It-tieni nett, il-fatt li, bħal f'dan il-każ, l-att ta' akkuża huwa akkumpanjat b'ordni ta' ħlas ta' pleġġ pekunjarju bl-ebda mod ma jbiddel din il-konstatazzjoni, peress li l-obbligu li jitħallas tali pleġġ lanqas ma jikkostitwixxi miżura ta' investigazzjoni, fis-sens tad-Direttiva 2014/41, kif jirriżulta mill-punti 27 sa 35 ta' din is-sentenza.

39 Fir-rigward, it-tielet nett, tal-ordni ta' detenzjoni provviżorja li magħha jista' jkun hemm ukoll l-att ta' akkuża, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, minbarra l-każijiet ta' trasferiment ta' persuni diġà miżmuma għall-finijiet tat-twettiq ta' miżura investigattiva, imsemmija fl-Artikoli 22 u 23 ta' din id-direttiva, l-ordni ta' investigazzjoni Ewropea ma hijiex ta' natura li tippreġudika d-dritt għal-libertà tal-persuna kkonċernata, stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, Staatsanwaltschaft Wien (Ordnijiet ta' trasferiment iffalsifikati), C-584/19, EU:C:2020:1002, punt 73).

40 Minn dan isegwi li, minbarra l-każijiet imsemmija f'dawn l-Artikoli 22 u 23 u li ma jidhrux rilevanti f'dan il-każ, ordni ta' investigazzjoni Ewropea ma tistax tinkludi talba intiża sabiex il-persuna li hija s-suġġett ta' din it-talba titqiegħed jew tinżamm f'detenzjoni.

41 Ir-raba' nett, fir-rigward tat-talba għal smigħ tal-persuna li hija s-suġġett tal-att ta' akkuża, huwa minnu li l-Artikolu 10(2)(c) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2014/41 isemmu espressament is-smigħ ta' persuna ssuspettata jew ta' persuna akkużata fost il-miżuri li jistgħu jkunu s-suġġett ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea, fis-sens ta' din id-direttiva.

42 Madankollu, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, sabiex din tkun tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/41, tali talba għal smigħ għandu jkollha bħala għan il-kisba ta' provi, fis-sens ta' din id-direttiva. Għall-kuntrarju, smigħ li huwa intiż biss sabiex jippermetti lill-persuna akkużata ssostni l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-proċedura ta' akkuża mibdija kontriha ma jistax jitqies li huwa miżura ta' investigazzjoni, fis-sens tal-imsemmija direttiva. F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina s-suġġett eżatt tat-talba għal smigħ ta' AK magħmula mill-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli.

43 Sabiex tingħata risposta kompleta lill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi ppreċiżat ukoll, l-ewwel nett, li, jekk din it-talba għal smigħ ma kellhiex bħala għan il-ġbir ta' provi, l-awtoritajiet Franċiżi ma kinux ikunu jistgħu legalment isegwu, abbażi tad-Direttiva 2014/41, id-deċiżjoni adottata mill-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli.

44 Min-naħa l-oħra, jekk l-imsemmija talba għal smigħ kellha bħala suġġett il-ġbir ta' provi u jekk l-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli kienu semmew, fid-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, skont id-dritt nazzjonali tagħhom, is-smigħ ta' AK seta' jseħħ biss wara n-notifika tal-att ta' akkuża, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, b'deroga minn dak li ġie indikat fil-punt 37 ta' din is-sentenza, tali notifika setgħet tintalab permezz ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea. Fil-fatt, mill-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2014/41 jirriżulta li l-awtorità ta' eżekuzzjoni hija, bħala prinċipju, obbligata li tosserva l-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtorità emittenti.

45 Għalhekk, f'dan l-aħħar każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji Franċiżi kienu, bħala prinċipju, obbligati, bla ħsara għar-raġunijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent, ta' rifjut u ta' posponiment previsti mid-Direttiva 2014/41, jeżegwixxu d-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali sa fejn din kienet tirrigwarda kemm in-notifika tal-att ta' akkuża ta' AK kif ukoll is-smigħ ta' din tal-aħħar, bl-esklużjoni tal-ordni ta' detenzjoni provviżorja u tal-ordni ta' ħlas ta' pleġġ li kien hemm ma' dan l-att.

46 Madankollu, tali eżekuzzjoni parzjali tad-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali setgħet isseħħ biss wara li, skont l-Artikolu 9(6) tad-Direttiva 2014/41, l-awtoritajiet Franċiżi jkunu vverifikaw mal-awtoritajiet Spanjoli li dawn tal-aħħar ma kinux jopponu li l-imsemmija talba tiġi eżegwita biss parzjalment.

47 Fil-fatt, mill-obbligu ta' kooperazzjoni leali, stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE jirriżulta li, sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effikaċi fil-qasam kriminali, l-awtoritajiet emittenti u ta' eżekuzzjoni ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti previsti mid-Direttiva 2014/41 b'mod li jiffavorixxu l-fiduċja reċiproka abbażi ta' din il-kooperazzjoni. (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' April 2023, E.D.L. (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq mard), (C-699/21, EU:C:2023:295, punti 45 u 46).

48 Fl-aħħar nett, jekk it-talba għal smigħ ta' AK kellha bħala suġġett il-ġbir ta' provi u ebda riferiment bħal dak imsemmi fil-punt 44 ta' din is-sentenza ma kien jinsab fid-deċiżjoni tal-awtoritajiet Spanjoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, bla ħsara għar-raġunijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent, ta' rifjut u ta' posponiment previsti mid-Direttiva 2014/41, l-awtoritajiet Franċiżi kienu jkunu, bħala prinċipju, obbligati li jilqgħu din it-talba għal smigħ biss, wara li jkunu vverifikaw mal-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli li dawn tal-aħħar ma kinux jopponu li din it-talba tiġi eżegwita biss parzjalment.

49 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikoli 1 u 3 tad-Direttiva 2014/41 għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

– deċiżjoni li permezz tagħha awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru titlob lil awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor tinnotifika lil persuna att ta' akkuża li jikkonċernaha ma tikkostitwixxix, bħala tali, ordni ta' investigazzjoni Ewropea, fis-sens ta' din id-direttiva;

– deċiżjoni li permezz tagħha awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru titlob lil awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor tqiegħed persuna f'detenzjoni provviżorja għal finijiet differenti minn dawk imsemmija fl-Artikoli 22 u 23 tal-imsemmija direttiva, jew li timponilha l-ħlas ta' pleġġ, ma tikkostitwixxix ordni ta' investigazzjoni Ewropea, fis-sens tal-istess direttiva;

– deċiżjoni li permezz tagħha awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru titlob lil awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor tippermetti lil persuna ssostni l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-fatti stabbiliti fl-att ta' akkuża li jikkonċernaha tikkostitwixxi ordni ta' investigazzjoni Ewropea, fis-sens tad-Direttiva 2014/41, sa fejn din it-talba għal smigħ hija intiża sabiex tiġbor provi.

Fuq l-ispejjeż

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 1 u 3 tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

– **deċiżjoni li permezz tagħha awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru titlob lil awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor tinnotifika lil persuna att ta' akkuża li jikkonċernaha ma tikkostitwixxix, bħala tali, ordni ta' investigazzjoni Ewropea, fis-sens ta' din id-direttiva;**

– **deċiżjoni li permezz tagħha awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru titlob lil awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor tqiegħed persuna f'detenzjoni provviżorja għal finijiet differenti minn dawk imsemmija fl-Artikoli 22 u 23 tal-imsemmija direttiva, jew li timponilha l-ħlas ta' pleġġ, ma tikkostitwixxix ordni ta' investigazzjoni Ewropea, fis-sens tal-istess direttiva;**

– **deċiżjoni li permezz tagħha awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru titlob lil awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor tippermetti lil persuna ssostni l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-fatti stabbiliti fl-att ta' akkuża li jikkonċernaha tikkostitwixxi ordni ta' investigazzjoni Ewropea, fis-sens tad-Direttiva 2014/41, sa fejn din it-talba għal smigħ hija intiża sabiex tiġbor provi.**

Firem